*kbar tiswa wkoll biex tressaq lejn xulxin It-tifkira ta' nies f'rabta ta' ħbiberija u ta' għaj-in-nazzjonijiet u tgħaqqadhom billi kull nazzjon tista' titgħallem mill-għerf, nuna flimkien mill-għaqal ta' nazzjon oħra. Il-koltura, ix-xjen-mis-sengħa u za u l-arti ma għandhomR limiti, huma jxerrdu barka u riżq fuq in-nazzjonijiet kollha. imma l-aktar fuq dawk il-pajjiżi li huma mhejjijin u mgħallmin biex jingdew b'dak ir-riżq u jis-tgħallu dik il-barka. Aktar ma pajjiż ikollu nies kbar aktar tkun imriet 'il quddiem it-thejjija tegħu biex jagħraf it-tajjeb mill-ħażin u biex jitħarreġ fit-tagħlim.*

*Għalhekk il-lum it-tifkira tan-nies kbar hi meqjuma mhux biss f'art twelidhom, iżda kull fejn il-popli għaddew 'il quddiem u fetħu moħħom. Hemm bosta għamliet ta' tifkira: statwi, monumenti, bolli, ismijiet ta' bliet, ta' toroq u ta' mkejjen oħra. Dawn ifakkru l-isem biss u ma jagħtuR ħjiel dwar il-ħajja u l-ħidma tan-nies kbar li jfakkru. Dan isir biss bil-kitba u wieħed jista' jaqrahom malajr u bla taħbit fid-dizzjunarju bijografiku. F'dan il-ktieb wieħed isib tagħrif fuq nies kbar li għamlu ġieh lil art twelidhom. Min stħoqqlu tifħir għal ħaja u min għal oħra, imma kull min wettaq xi ħidma għall-ġid ta' niesu, jew ta' għajru, jew ta' art twelidu jsib post f'dan id-dizzjunarju.*

*Aktar ma jkun mimli d-dizzjunarju bijografiku u aktar ma jkollu ismijiet imniżżla fih, aktar jagħmel ġieh lil pajjiżu. Għalhekk il-lum hemm xejra fin nazzjonijiet ċivilizzati tad-dinja kollha biex jingabar tagħrif bijografiku dwar in-nies kollha li għam-lu isem fil-pajjiż u jindamm fi ktieb jew dizzjunarju. Dan id-dizzjunarju jiswa mhux biss għat-tagħlim li fih, imma wkoll għall-ħeġġa li jqajjem f'qalb iż-żgħażagħ u għall-għożża lejn art twelidhom li jnissel fihom.*

*Aħna f'Malta għad ma għandniex dan id-dizzjunarju bijo-grafiku u dan hu nuqqas li jmissna nieħdu ħsiebu bla telf ta' żmien. Aħna fiċ-ċokon tagħna għandna nies kbar li għamlu ġieh u ġid ll artna u lil artijiet oħra u nistgħu b'wiċċna minn quddiem niftaħru bihom. Xi tagħrif bijografiku fuq x'uħud minn dawn il-kbar tagħna kien deher fil-perijodiku "L'Arte" fl-1862. It-Tabib Stefano Zerafa fi ktejjeb li ħareġ fl-1858 sem-ma dwar xi nies kbar Maltin. Xi bijografiji oħra dehru 'l hawn u 'l hinn f'ġurnali u perijodiċi, imma ħadd s'issa għadu ma nda-ħal biex ifittex, jistħarreġ u jiġbor tagħrif bijografiku fuq in-nies*



*kbar tagħna u jdommu f'dizzjunarju bijografiku. Tassew li dan mhux xogħol ħafif u jeħtieġ għaqal, sabar u għerf, imma aħna għandna nies mogħnija bil-ħeġġa u bil-ħabta għal dan ix-xogħol.*

*Aktar lura f'dan il-għadd ta' "Il-Malti" ssibu profil bijo-grafiku fuq Monsinjur Caruana, bniedem politiku, diplomatiku, Ġeneral u Isqof li ismu jingara fl-istorja ta' l-epoka ta' Napul-jun. L-awtur ta' dan il-profil, is-Sur Robert Mifsud Bonnici, hu kittieb profi fiku, studjuż ta' l-istorja ta' artna u ammiratur kbir tan-nies kbar Maltin. Aħna nafu li s-Sur Mifsud Bonnici ilu ħafna jqalleb u ifittex fuq il-ħajjiet u l-ħidmiet ta' niesna, u naħsbu li kieku jindaħal hu għalbiex isawwar dizzjunarju bijo-grafiku, dan il-ktieb sa fl-aħħar jara d-dawl J'Alla s-Sur Robert isib min jagħmillu l-ħila u l'Alla l-Bambin jisilfu l-għomor biex naraw mimli dan in-nuqqas fl-patrimonju nazzjonali tagħna — id-Dizzjunarju Bijografiku Nazzjonali.*

---

## IT-VIII TA' SETTEMBRU 1565

*Ta'* Patri Mattew Kappuċċin

Waqaf il-ġlied u l-qtil mingħajr mogħdrija!
Minn kull fejn tgħaddi Torok maqtulin,
Riħa ta' dħaħen u triqat mimlija
Bċejjeċ t'azzar u t'iġsma tal-mejtin.

Swar minfudin, għadajjar kbar ta' dmija,
Djar ta' taħt fuq, imqades imġarrfin;
'Ma ragħda t'ilħna jgħajtu ferreħija
Dwiet qalb il-ħerba: "Malta tal-Maltin!"

U fuq kull dar jew fejn kien fadal kamra,
Wara Sant'Iermu, perpru ma' kull riħ
Lwien il-bandiera tagħna, bajda w ħamra.

Lemaħha La Vallette rebbieħa mtallgħa,
Beka bil-ferħ, għax Malta żammet sħiħ,
Mar San Lawrenz ma' niesna jrodd ħajr 'l Alla.